MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2011

Appell Civili Numru. 740/2008/1

**Raphael sive Ralph u Michael ahwa Bianchi**

**v.**

**Vivian Bianchi**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentatipprezentat mir-rikorrenti fit-23 ta’ Lulju 2008, li jaqra hekk:

“Jesponu riverentement u bil-gurament taghhom jikkonfermaw li jafu personalment bis-segwenti:

"1. Premess illi r-rikorrenti huma t-tfal ta' Blanche Bianchi u l-intimat, Vivian Bianchi;

"2. U billi r-rikorrenti minn dejjem gabu r-rispett u habbu l-genituri taghhom, u issa la kibru baqghu jmorru jzuruhom regolarment u ta' spiss u dejjem ghamlu minn kkollox biex ma jonqsuhomx. Min-naha taghha ommhom kienet u ghadha tadurahom;

"3. U billi sena ilu omm ir-rikorrenti sofriet puplesija, liema marda sfortunatament hallietha paralizzata, fi stat mentali debboli u inkapacitata u dan kif jistghu jikkonfermaw it-tobba kuranti taghha;

"4. U billi l-kontendenti kienu ghazlu li ma jcaqalqux lil ommhom minn darha, u ghalhekk giet rikoverata d-dar taghha stess, u cioe` fid-dar matrimonjali appartenenti lill-kommunjoni tal-akkwisti ta' bejn ommhom u missierhom, imdawwra bit-tobba, *nurses*, terapisti u assistenti u r-rikorrenti kienu jmorru jzuruha regolarment, u kull darba li setghu. Ghalkemm ommhom mhux dejjem kienet taghrafhom, dejjem kienet tiehu gost bihom;

"5. U billi minn dak in-nhar li ommhom kellha puplesija, jew ftit wara, missierhom, l-intimat Vivian Bianchi, li ghandu erbgha u tmenin (84) sena u minn dejjem kien difficli, beda jsir iktar difficli u jkollu xi jghid mar-rikorrenti;

"6. U billi maz-zmien, l-intimat Vivian Bianchi beda jippretendi l-impossibli mir-rikorrenti, u beda jkollu xi jghid maghhom kuljum minghajr raguni, tant li kull darba li jarahom jispicca jghajjat u jsib kull skuza biex jaqbad maghhom. Fil-fatt, ghalhekk, sabiex izommu l-paci fil-familja r-rikorrenti kienu kostretti jidhlu jaraw lil ommhom u dan billi hallilhom risposta mal-istaff tad-dar li that l-ebda cirkostanzi ma ghandhom jithallew jidlu jaraw lil ommhom;

"7. U billi ricentement, u ezattament nhar it-Tnejn 21 ta' Lulu 2008, missierhom bla ebda raguni, b'mod otokratiku u abuziv, irrifjuta li jhallihom jidhlu fid-dar fejn ommhom tinsab rikoverata b'mod li jinnnegalhom kull access

kellhom lil ommhom u dana billi hallilhom risposta mal-istaff tad-dar;

“8. U billi r-rikorrenti jafu li ommhom tixtieq tarahom tant li regolarment tistaqsi ghalihom u regolarment tipprova ccemplilhom ghakemm ma kunx tista’’ titkellem b;mod li tingharaf minhabba l-kondizzjoni taghha;

“9. U billi l-intimat ma jistax jinnega l-access ta’ martu lit-tfal taghha meta huwa car li hija trid u tiehu gost tarahom;

“10. U billi Blanche Bianchi minhabba l-kondizzjoni ma tistax tohrog mid-dar hlief f’sitwazzjonijiet eccezzjonali u dana peress li hija tinsab paralizzata fis-sodda, b’mod li ma tistax ticcaqlaq hlief b’lift apposta u z-zmien taghha fuq *wheel chair* huwa limitat minhabba l-i*strain*;

“11. U billi ghalhekk Blanche Bianchi ma tistax tiltaqa’ mat-tfal taghha barra minn darha u l-intimat ma ghandu l-ebda dritt li jcahhad lilha mill-unika xewqa li ghad fadlilha, u cioe` li tkun vicin il-familja taghha, u lanqas jista’ jichad lir-rikorrenti milli jaraw lil ommhom;

“12. U billi ghalkemm ir-rikorrenti jiddispjacihom li kellhom jaghmlu din il-kawza huma sabu ruhhom f’sitwazzjoni fejn ma setghux jaghmlu mod iehor sija minhabba l-imhabba li jgibu lejn ommhom sija wkoll minhabba r-rispett li ghandhom lejha billi jemmnu li l-assenza taghhomm tkun ta’ deni ghal sahhitha;

“13. U billi sahhitha hija prekarja hafna u ma jidhirx li l-istat taghha ser jitjieb fil-futur, hemm bzonn li jinghata rimedju bl-urgenza;

Ghaldaqstant jitolbu bir-rispett lil dina l-Onorabbli Worti sabiex prevvja li tisma’ l-partijiet u x-xhieda tat-tobba kuranti tal-istess Blanche Bianchi u prevvja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

(1) Tipprocedi billi tappunta u tisma’ r-rikors odjern bl-urgenza;

(2) Tiddeciedi li tisma' l-kawza bil-maghluq ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Prkocedura Civili stante n-natura familjari tal-kawza;

(3) Tiddikjara li r-rikorrenti ghandhom dritt ta' access ghal ommhom;

(4) Taghti d-direzzjonijiet kollha li jidhrulha xierqa sabiex tassigura li r-rikorrenti jkollhom access komplet u illimitat ghal ommhom;"

Rat ir-risposta tal-intimat li in forza taghha eccepixxa

"1. Preliminarjament, in-nullita` tar-rikors promotur billi ma jirrizultax illi dan ir-rikors huwa mahluf kif titlob il-Ligi.

"2. Illi l-azzjoni attrici hija intempestiva u minghajr bazi fil-fatt u fid-dritt.

"3. Illi l-esponenti qatt ma oppona; mhux qed jopponi u ma ghandu l-ebda intenzjoni jopponi r-rikorrenti izuru lil ommhom fid-dar tieghu, purche` dawn iz-zjajjar ikunu regolati f'kull sens u cioe` fil-hinijiet konvenjenti ghall-esponenti u martu. Dana peress illi s-Sinjura Bianchi stante il-kondizzjoni taghha ghandha programm mediku xi ssegwi.

"4. Illi l-esponenti qed jopponi li l-ispejjez ta' dawn il-proceduri jigi allokati lilu."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' Marzu, 2009, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens li gej:

"Il-qorti għalhekk, għalkemm qiegħda tilqa' t-talba tal-atturi biex tgħid illi għandhom jedd ta' aċċess għal ommhom, ma hijiex sejra, u lanqas tista', tagħti provvediment dwar it-talba biex tordna li jsir dak li hu meħtieġ biex dak il-jedd effettivament jitwettaq.

“Din ma hijiex kawża li għandha soluzzjoni legali. Is-soluzzjoni tista’ tinstab biss fl-imħuħ tal-partijiet, jekk dawn jaslu biex jegħelbu s-suppervja li qiegħda tifridhom minn xulxin u tgħaddi lil mart wieħed u omm l-oħrajn minn torment. Li hu meħtieġ hu li xi wieħed minnhom ikun raġel biżżejjed biex jagħti hu l-ewwel pass. J’Alla dan jagħarfuh qabel ma jkun tard wisq.

“Fiċ-ċirkostanzi, l-ispejjeż għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Fil-25 ta’ Lulju 2009, meta l-qorti semgħet lill-partijiet dwar it-talba biex il-kawża tinstema’ b’urġenza, il-partijiet fuq suġġeriment tal-qorti ftiehmu illi għal xahrejn ma jingħatax provvediment sakemm il-partijiet jaraw kif imorru bi programm ta’ żjarat miftiehem bejniethom. Dan l-esperiment falla, ukoll x’aktarx għax il-partijiet imxew aktar b’pika milli bil-għaqal ta’ adulti maturi, u għalhekk il-qorti, billi s-suġġeriment tagħha ma ħalliex il-frott minnha mixtieq, ordnat illi s-smigħ jitkompla fit-23 ta’ Settembru 2009.

“Wara li nstemgħu x-xhieda mressqa miż-żewġ partijiet, il-qorti, bi ftehim mal-partijiet u bil-kunsens tagħhom, semgħet lill-omm fl-assenza tal-partijiet u tal-avukati.

“Jidher illi din is-sitwazzjoni ta’ tensjoni bejn il-missier u wliedu – li l-vittma ewlenija tagħha, għandu jingħad, ma humiex il-missier jew l-ulied iżda l-omm, li, iżda, ma hijiex parti fil-kawża – tnissliet minn diżgwid bejn il-partijiet dwar tmexxija tan-negozju tal-familja. Meta l-omm mardet u ma setgħetx toħroġ mid-dar tagħha u ta’ żewġha, l-atturi kienu jmorru jarawha d-dar. Għalkemm jidher illi dawn iż-żjarat ma kinux ikunu nieqsa minn tensjoni, il-konvenut, sal-21 ta’ Lulju 2009, ma kienx iżomm lill-atturi milli jidħlu jaraw lil ommhom.

“Milli jidher l-episodju li wassal lill-konvenut biex jibdel il-ħsieb seħħ meta l-atturi ħadu magħhom tabib, li hu wkoll

ħabib tal-familja, biex magħhom iżur lil ommhom. Kemm l-attur u kemm it-tabib igħidu illi ż-żjara kienet biss soċjali u mhux professjonali, għax l-omm kienet taħt il-kura ta' tobba oħra, iżda jidher illi lill-konvenut daħallu suspett illi ż-żjara kellha għan ulterjuri, forsi biex tinkiseb l-interdizjoni tal-omm għall-ħarsien tal-patrimonju.

"Dan wassal biex is-sitwazzjoni ħraxet u l-partijiet iġibu ruħhom ma' xulxin la ta' missier ma' wliedu u lanqas ta' wlied ma' missierhom. Il-partijiet jidhru kuntenti bis-sitwazzjoni għax ħadd minnhom ma jrid jagħmel imqar l-ewwel pass biex itejjibha, għax jidhrilhom li aktar jiswa li ħadd minnhom ma jidher li kien hu li kellu jbaxxi rasu milli li terġa' tidħol l-armonija fil-familja; min qiegħed ibati f'dan kollu hija l-omm, mart il-konvenut.

"Meta l-qorti semgħet lis-Sinjura Bianchi fl-assenza tal-partijiet, bil-kunsens tagħhom, din dehret illi tefgħet il-ħtija fuq uliedha, għax qalet li ġabu ruħhom ħażin ma' missierhom, x'aktarx minħabba kilba – "*greed*", fi kliemha – u fiċ-ċirkostanzi preżenti ma tridx tarahom.

"Il-qorti bilkemm temmen illi omm ma tkunx trid tara lil uliedha, għamlu x'għamlu, u, għalkemm ma tistax ma tqisx ukoll din ix-xewqa tal-omm kif fissritha hi, temmen ukoll illi hija għallinqas parzjalment motivata mill-fatt illi, minħabba ċ-ċirkostanzi tagħha, qiegħda tisma' biss naħa waħda.

"Li hu relevanti għal dak li tgħid u trid il-liġi hu illi l-qorti ma tistax timponi fuq l-omm illi din bilfors tilqa' lil uliedha, kemm għax l-omm ma hijiex parti fil-kawża tallum u kemm għax, minkejja l-jedd li ċertament għandhom l-ulied li jaraw lil ommhom u li jkollhom aċċess għaliha, daqstant ieħor għandha jedd l-omm tagħżel hi lil min trid u lil min ma tridx tara. Minkejja l-fatt illi l-aċċess jista' jsir biss f'dar illi l-konvenut għandu sehem minnha għax hija wkoll daru, il-qorti kienet tasal biex tagħti r-rimedju li jixtiequ l-atturi li kieku l-omm – li wkoll għandha jedd fuq id-dar – uriet dik ix-xewqa; fin-nuqqas ta' dan, iżda, il-qorti ma tistax tipprovdi bħallikieku l-omm, li lanqas biss ma hija parti fil-kawża, kienet xi tarbija li jiddeċiedi għaliha ħaddieħor.

Rat ir-rikors tal-appell tal-atturi li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu lil din il-Qorti sabiex (a) filwaqt li tannulla u thassar id-digriet tal-20 ta’ Marzu 2009 u minflok takkolji r-rikors tal-appellanti u t-talbiet fih kontenuti (b) u inoltre tirriforma is-sentenza tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civili tal-20 ta’ Marzu 2009 u dana billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu laqghet it-talba tal-atturi biex tghid illi ghandhom jedd ta’ access ghal ommhom, tirrevokaha mill-bqija u taghti dawk il-provvedimenti kollha li jidhrulha xierqa sabiex il-jedd effettivament jitwettaq.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi u b’ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha tichad l-appell tar-rikorrenti u tikkonferma d-decizjoni tal-ewwel Qorti tal-20 ta’ Marzu 2009, bl-ispejjez kontra l-appellanti.

Rat li din il-Qorti, biex tassistiha fl-indagini taghha b’digriet tal-11 ta’ Jannar, 2011, hatret lill-psikjatra Dr. Ethel Felice, bhala espert mediku, sabiex tistabilixxi l-istat mentali ta’ Blanche Bianchi, omm l-atturi u mart il-konvenut, jekk il-volonta` taghha hix wahda libera jew le, u jekk tridx tiltaqa’ mal-atturi wliedha li jixtiequ jiltaqghu maghha;

Rat ir-rapport li l-espert mediku ipprezenta fl-1 ta’ Marzu, 2011, li gie minnha kkonfermat bil-gurament fit-8 ta’ Marzu, 2011;

Rat id-domandi bil-miktub li sarulha in eskussjoni mill-atturi, u r-risposti li l-istess espert mediku ipprezentat u kkonfermat bil-gurament fl-20 ta’ Gunju 2011;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat in-nota tal-appellanti tat-23 ta’ Settembru, 2011, li, stante l-mewt ta’ ommhom fil-mori ta’ dawn il-proceduri,

cedew il-meritu tat-talba taghhom, pero`, zammew ferm il-kap tal-ispejjez;

Ikkunsidrat;

Illi din hi kawza fejn, minhabba glied u nuqqas ta' komunikazzjoni bejn il-missier u wliedu subien, l-istess ulied subien qed jitolbu li l-Qorti tordna lil missierhom ihallihom jaraw u jkellmu lil ommhom li kienet marida u generalment toqghod ma' zewgha fid-dar matrimonjali. Il-kaz huwa wiehed ta' swied il-qalb biz-zewg nahat jonqsu milli jinsew id-differenzi kbar li hemm bejniethom fl-interess ta' omm li riedet tara lil uliedha. Gia` fil-bidu tas-smigh tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti, wara li kien sar arrangament temporanju bhala esperiment ghal xahrejn, esperiment li ma rnexxiex, l-ewwel Qorti dehrilha li kellha "tistieden lill-partijiet jimxu b'ghaqal u moderazzjoni ta' adulti maturi u mhux ta' tfal pikuzi". Sfortunatament, din l-attitudini baqghet evidenti anke quddiem din il-Qorti. Gara li, fil-mori tal-appell, meta l-kawza kienet differita ghas-sentenza, l-omm mietet, u ghalhekk gie ezawrit il-meritu tal-kawza. L-appellanti, pero`, zammew ferm il-*capo spese* u din il-Qorti trid allura xorta wahda tidhol fil-meritu biex tiddeciedi dwar dan il-kap.

Din il-kawza hadet ftit fit-tul ghax din il-Qorti pprovat kemm setghet twassal lill-partijiet ghal *modus vivendi*, pero`, biz-zewg nahat iwebbsu rashom, ma ntlahaq ebda arrangament. Hawn, hu car, qed nitkellmu fuq omm b'qalbha maqsuma u hadd ma kien lest jissottometti ruhu ghax-xewqa taghha li tara u tkellem lil uliedha qabel ma tmut. Hi xtaqet u riedet tkellem lil uliedha subien, pero`, habbet daqstant lil zewgha, u xtaqet li wliedha jiskuzaw ruhhom ma' missierhom ghall-mod kif ittrattawh fil-passat. L-inkwiet ta' bejn it-tfal subien u l-missier, sa fejn din il-Qorti tista' tifhem, hu rizultat ta' dizgwid fin-negozju tal-familja. Din il-Qorti mhiex infurmata bid-dettalji ta' dan id-dizgwid, pero`, tghid li, hi x'inhi n-natura tal-problema, il-konvenut jibqa' missier l-atturi li ghandhom, ghalhekk, dejjem u f'kull kaz igibulu rispett. Min-naha l-ohra, il-konvenut kellu japprezza u jifhem il-kilba ta' omm li tara lil uliedha, u kellu jaghmel minn kollox, anke jekk hemm

bzonn iwarrab is-suppervja tieghu, biex jara li din ix-xewqa ta’ martu, li tant tirrispettah, tigi mwettqa.

Dan premess, din il-Qorti kienet f’posizzjoni li ma setghet taghmel xejn aktar minn dak li ghamlet l-ewwel Qorti. Tikkondividi l-hsieb taghha li din ma hijiex kawza li kellha soluzzjoni legali, u huma l-partijiet li kellhom jirriflettu fuq l-agunija li kienet qed tghaddi minnha mara minhabba l-ebbusija ta’ rashom. Il-gudikant li ppresjeda l-ewwel Qorti f’din il-kawza, kien personalment mar ikellem lis-Sinjura Bianchi u sema’ lil din il-mara tghid li minhabba l-glied bejn il-partijiet, li hi tattribwixxi ghal “greed” tal-atturi, ma kenitx lesta tarahom. L-ulied atturi talbu li ommhom terga’ tigi mismughha, izda l-ewwel Qorti ma dehrilhiex li kien hemm htiega ta’ dan. Din ic-cahda mill-ewwel Qorti hu wiehed mill-aggravji li ressqu l-atturi quddiem din il-Qorti, li dehrilha li jkun ahjar, minflok, li tibghat tabiba-psikjatra tezamina u tkellem lis-Sinjura Bianchi.

Din irriletat li s-Sinjura ma kellha ebda sinjali ta’ mard mentali li jaffettwaw negattivament ir-rieda jew il-gudizzju taghha, u li l-volonta` taghha kienet wahda libera. Meta kellmitha, l-omm uriet li hi nkwetata bis-sitwazzjoni fil-familja, u bin-nuqqas ta’ rispett li wliedha s-subien juru lejn missierhom. Hi riedet tkellimhom lil uliedha, imma “only if they ask forgiveness to my husband and to my daughter”. Ma jidhirx li l-ulied kienu lesti jaghmlu din l-iskuza.

L-ewwel Qorti, fis-sentenza taghha, ghamlet analizi korretta tan-natura tal-glied bejn il-partijiet, u din il-Qorti ma ghandha xejn aktar x’izzid. Din il-Qorti ma setghetx timponi fuq mara adulta kif u taht liema cirkostanzi tara lil uliedha; hi imponiet kundizzjoni fuq uliedha fl-interess tal-ghaqda fil-familja, izda wliedha ma riedux jaghtu effett lil dik il-kundizzjoni. Lil din il-Qorti jirrizultalha li l-omm kienet *sanis mentis* u riedet tara lil uliedha jekk huma kienu lesti li jitolbu mahfra lil missierhom u juruh rispett. Iz-zewg nahat kienu jafu x’inhi l-posizzjoni.

Mir-risposti ghad-domandi li saru lill-espert mediku in eskuzzjoni, ma jirrizultax li dak li qalet l-omm lill-espert ma jirriflettix dak li verament kienet thoss il-mara. Il-psikjatra

qalet illi hemm "probabbilita` qawwija li dak li qalet gie minn jeddha", u din il-Qorti ma tistax tippretendi aktar minn hekk. Il-mara kienet orjentata, u mill-ewwel esprimiet mal-esperta il-fatt li s-sitwazzjoni fil-familja kienet ta' qsim il-qalb ghaliha. Din il-Qorti ma tarax li ghandha, b'xi mod, tiddipartixxi mill-opinjoni medika f'dan il-kaz.

Dwar it-talba tal-atturi li jkunu awtorizzati jiktbu ittra lil ommhom, kif qalet l-ewwel Qorti, ma kien hemm bzonn ta' ebda awtorizzazzjoni biex isir dan, u ittra ssigillata f'envelope u indirizzata lill-persuna partikolari, ma ghandhiex tinfetah u tinqara minn persuna ohra, jekk mhux bil-permess tal-*adressee* stess.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-atturi billi tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tal-istess stante cessjoni tal-meritu.

L-ispejjez, anke f'dan it-tieni stadju, ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------